**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elliot Magro]**

**vs**

**Jurgen Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 724/15**

**Illum, 7 ta' Settembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jurgen Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 53793(M).

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Awwissu 2015 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghodu, fi Triq Pietru Xuereb, Pieta':

> Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, u cioe' vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni BCE-912, kif ukoll xatba tal-hadid liema hsara li komplessivament tiskorri l-elfejn u hames mitt ewro (€2500) saret ghad-dannu ta' Clifton Demanuele mill-Hamrun kif ukoll ghad-dannu ta' Chris Azzopardi minn Haz-Zabbar;
>
> U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Clifton Demanuele mill-Hamrun biza' li se tintuza vjolenza kontra tieghu;
>
> Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni JBD-421, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni JBD-421 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni JBD-421 minghajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta minghar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi u cioe' sikkina kontra Clifton Demanuele mill-Hamrun.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita kont il-Ligi, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' Clifton Demanuele, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-gamilja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 251B(1), 325(1)(a), 338(bb), 338(dd), 338(ee), 339(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2(3) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante illi l-parte civile ddikjarat illi hija qed tahfer lill-imputat, u li din kienet kwistjoni ta' darba thoss li l-aktar peina idoneja hi dik sancita taht l-Artikolu 11 tal-Kapitlu 446 u cioe` Ordni ta' Servizz fil-Kommunita` u ghal dawn il-motivi u wara li applikat id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghal Servizz fil-Kommunita` ghal sittin (60) siegha.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Ordni ta' Servizz fil-Kommunita` annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

______________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**